MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 591/2002

**Carmelo Seychell, Joseph Seychell, Anthony, Margaret u Carmen ahwa Seychell**

**vs**

**Guzeppi u Guzeppa konjugi Abela u Carmel Abela**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Ottubru tas-sena 2002 , kif sussegwentement korrett bir-rikors datat is-16 ta' Jannar tas-sena 2003, li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Illi jizgombraw mill-fond ossia ghalqa maghrufa bhala Ta' Pulejpa limiti taz-Zejtun, liema**

**fond huma qeghdin jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi;**

**2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluz ta' l-ittra tat-12 ta' Lulju, 2002, kontrihom li qeghdin jigu ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;**

**3. Ghall-fini tal-kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni hu ta' LM100.00,0 (mitt Lira Maltin);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata t-22 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha eccepew is-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament din il-qorti mhix il-qorti kompetenti stante illi l-konvenuti ghandhom titolu ta' qbiela fuq l-ghalqa in kwistjoni;**

**2. Illi bla pregudizzju u fil-mertu, l-uniku xoghol ta' kostruzzjoni li kien sar fl-ghalqa sar zmien twil ilu u sussegwentement, nonostante li l-atturi kienu jafu b'dan ix-xoghol, baqghu jaccettaw il-kera;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi huwa doveruz li tinghata attenzjoni immedjata lill-ewwel eccezzjoni sollevata li sintetikament tirribatti t-talba attrici billi tirrileva li l-konvenuti effettivament ghandhom titolu legali legittimu li jippermettilhom il-pussess ta' l-ghalqa mertu ta' din il-kawza;**

**Illi konsegwentement, kemm-il darba jkun stabbilit dan il-konkluzjoni univoka tirrizolvi l-vertenza de quo**

**immedjatament minghajr ma jkun rikjest ezami tal-meritu stante li din il-qorti ma tkunx dik kompetenti biex tiddetermina tali vertenza;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi fl-avviz odjern l-atturi jsostnu li l-konvenuti qed jokkupaw l-ghalqa in dizamina minghajr ebda titolu validu fil-ligi;**

**Illi effettivament, permezz tad-dokument immarkat Dok CS1 a fol 15, jirrizulta li tramite l-istess, il-konvenuti odjerni jivvantaw titolu ta' qbiela liema titolu jirrikjedi l-interpretazzjoni legali ta' forum idoneu skond il-ligi;**

**Illi din il-qorti, tenut kont ta' l-izvilupp legislattiv f'dan ir-rigward, m'hix dik idonea li tinterpreta l-istess;**

**Ghaldaqsant, din il-qorti, filwaqt li takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tiddikjara li mhix kompetenti ratione materiae, bl-ispejjez kontra l-atturi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------